


# Tagħrif fuq qassisin u kappillani Lijani mis-seklu sbatax sa nofs is-seklu dsatax



Dr Nazzarene Azzopardi

**Dun Salvatore Abela** (1635-1735)

Dan twieled Ħal Lija fit-22 t'Ottubru 1635, wild Biagio u Katernuzza Agius. Mar jistudja ġo Seminarju fi Sqallija u ġie kkonsagrat qassis hemmhekk, fit-2 ta' Marzu 1681. Lura Ħal Lija, fis-sena 1695, ingħata prokura kemm tal-knisja tal-Kunċizzjoni magħrufa Ta' Sabbarat li tinsab ġo Triq il-Mosta (illum *jus patronat* tal-familja Ganado), tas-Sodalità tal-Agonija kif ukoll kien jieħu ħsieb il-knisja l-antika tas-Salvatur. Fis-sena 1699 huwa ġie appuntat wieħed mit-tliet konfessuri li kienu jservu il-knisja ta' Ħal Lija. Ta' tnejn u tmenin sena miet Ħal Lija fis-sitta u għoxrin ta' Awwissu 1735 u jinsab midfun f'post il-qassisin taħt il-presbiterju tal-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija.

**Dun Johannes Dominicus Abela** (1662-1731)

Dan il-qassis jiġi ħu Don Salvatore u twieled fis-7 ta' Jannar 1662. Missieru felaħ iħallaslu ħalli jmur jistudja Sqallija fejn laħaq qassis sewwasew kif kien għamel ħuh il-kbir Dun Salvatore. Fl-erbgħa u għoxrin ta' Mejju 1691 qaddes l-ewwel quddiesa fil-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija. Wara sentejn ġie appuntat prokuratur tal-knisja ta' Sant'Andrija ġo Ħal Lija u wara tmien snin ngħata prokura oħra tal-knisja l-ġdida msejħa ta' Għadir il-Bordi. Fis-sena 1721 ħa f'idejh it-tmexxija tal-Għaqda Sodalità tal-Agunija li kien jieħu ħsiebha ħuh, kif ukoll kura tal-artal tas-Salib li jinsab in-naħa tal-lemin tal-knisja. Meta l-Isqof ta Malta, Joannes de Balaguer de Camarassa, għamel Vista Pastorali ġo Ħal Lija, hu ġie appuntat *Maestro del Coro* tal-parroċċa iżda ftit gawda dan l-appuntament għaliex miet fil-21 ta' Novembru 1731 u ndifen ġol-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija.

**Dun Cusmanus Agius** (1610-1673)

Dan twieled Ħal Lija fit-13 ta' Jannar tas-sena 1610 u kien bin Domenico u Katarin Mifsud. Laħaq qassis fit-2 ta' Marzu 1634 ġol-belt ta' Oppido fir-reġjun ta' Reggio Calabria fejn kien jattendi s-Seminarju. Wieħed miz-zijiet tiegħu waqqaf benefikat fis-26 ta' Awwissu 1647 marbut mal-knisja tal-Kunċizzjoni jew Ta' Sabbarat jew La Merrubija f'Ħal Lija, u wara sena huwa laħaq prokuratur tagħha tant li baqgħet imsemmija bħala l-knisja ta' Dun Gużman. Illum dil-knisja hija *jus patronat* tal-familja Ganado. Dan il-qassis kien prokuratur ta' għaqda msejħa Sodalità tal-Mejtin li kellha f'idejha

kompitu li tagħmel quddies għall-mejtin tal-parruċċani Lijani. Hu nstab mejjet (aktarx maqtul minn neputih, it-tabib Giovanni Battista Dingli) fit-3 ta' Jannar tas-sena 1673.

**Dun Johannes Agius** ( - 1654)

Mhux magħruf meta twieled jew isem missieru u ommu, iżda żgur kien laħaq qassis fil-15 ta' Marzu 1603. Hu serva l-parruċċani tiegħu għal ħafna snin iżda ġara li ta' età avvanzata għamel diversi żbalji fis-Sagrament tal-Qrar li ġiegħel lill-Isqof Balaguer de Camarassa jwaqqaflu dan il-poter fis-sena 1650. Meta miet fl-1654 ġie midfun fil-knisja tal-Mosta.

**Dun Giuseppi Gaetan Agius JUD** (1742-1815)

Iben Ġużeppi u martu Sapienza (mhux magħruf kunjom xbubitha) twieled fil-5 ta' Novembru 1742. Qaddes Sirakuża fl-14 ta' Mejju 1767 u wara ggradwa fil-Liġi Ċivili u Kanonika f'Università Rumana. Aktarx serva bħala qassis kemm Ħaż-Żebbuġ kif ukoll Ħal Lija. Miet ta' 73 sena fit-8 ta' Diċembru 1815.

**Dun Michael Agius** (1604-1672)

Dan il-qassis kien iben Brandano u Filomena Gilestri minn Birkirkara (imlaqqmin Ta' Qubbajtu) serva fil-parroċċa ta' Ħal Lija fis-sena 1644 u kellu f'idejh kemm il-knisja ta' San Mikiel ġewwa l-Iklin kif ukoll dik tal-Annunzjata ġewwa Triq Mulino li wara saret Triq Annibale Preca. Din il-knisja ma għadhiex teżisti llum iżda minnha baqa' biss minqux fil-ġebel, l-anġlu Gabriel iħabbar lil Sidtna Marija li probabilment kien *reredro* tal-artal ta' dil-knisja. Fil bidu tas-seklu għoxrin, il-parruċċani ta' Ħal Lija ordnaw statwa sabiħa ta' San Ġużepp u qegħduh quddiem dak li fi żmien iehor kien l-artal. Dan il-qassis miet fis-7 ta' Awwissu 1672 u kien midfun Ħal Balzan.

**Dun Paetrus Agius** (1607-1685)

Iben Lorenzo u Vennera (kunjom xbubitha mhux magħruf) twieled Ħal Lija fit-28 ta' Frar 1607 u qaddes l-ewwel darba fit-tmintax ta' Settembru 1663 ġewwa Oppidio ta' Reggio Calabria, fejn kien jattendi s-Seminarju. Hu kien prokuratur tal-knisja ta' San Mikiel kif ukoll tas-Sodalità tal-Erwieħ li kellha sede ġol-knisja ta' Ħal Lija. Ġara li l-kappillan ta' Ħal Lija ta' dak iż-żmien, Dun Clemens Moreo, ried imur joqgħod il-Birgu u wara li taħ permess l-Isqof mar hemm. Huwa xtaq li l-Isqof jappunta lil Dun Agius sabiex imexxi l-parroċċa minfloku u hekk ġara. Iżda ma għaddhiex żmien wisq li l-Kappillan Moreo miet u għalhekk fit-3 ta' Marzu 1660, Dun Agius laħaq uffiċjalment kappillan ta' Ħal Lija. Dan il-kappillan għamel xogħol siewi ġewwa l-knisja l-qadima tas-Salvatur għax sewwa l-koppla li bdiet tixxaqqaq u kien hemm biża' li se ċċedi. It-tiswija kienet tikkonsisti fit-tidwir mal-bażi tal-koppla b'ċinturin tal-bronż u għalhekk għadna ngawduha sal-lum. Ġewwa s-Salvatur il-Qadim, hu żied sagristija wara l-knisja, bena dar għalih ħdejn il-knisja, u ordna pittura għall-artal ta' Santu Rokku u San Bastjan. Dan il-kwadru u artal saru bħala wegħda sabiex il-marda tal-pesta li waslet Malta dak iż-żmien ma tidħolx ġewwa Ħal Lija. Fis-sena 1665, il-Kappillan Agius ta bidu għall-festa ta' Sant'Anna ġewwa Ħal Lija. Din id-devozzjoni kien bdieha l-Papa Innoċenz XI li kien devot kbir ta' Omm il-Madonna. Il-Kappillan Agius miet ta' 78 sena fit-tmienja ta' Marzu 1685 u ndifen Ħal Lija ġol-knisja l-ġdida.

**Dun Salvatore Agius** (1709-1788)

Dan il-qassis kien wild Nutar Ġanni Agius u martu Anna (ma għandix kunjomha xebba) twieled fl-20 ta' Novembru 1709. Missieru bagħtu jistudja Sqallija, fejn laħaq qassis fl-10 ta' Mejju 1742. Ġie appuntat prokuratur tal-artal ta' San Pietru, tal-knejjes Tal-Belliegħa u ta' San Mikiel. Hu ordna pittura ta' San Franġisk Saverju għall-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija. Dan jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-bieb prinċipali tal-knisja. Hu miet ta' 79 sena fil-31 ta' Jannar 1788.

**Dun Matthaeus Anna** (1650-1685)

Il-kunjom Anna mhux komuni Malta llum iżda qabel kien hawn familji b'dal-kunjom. Is-saċerdot Anna twieled Ħal Lija fis-7 ta' April 1650 u kien wild Andrea u Grazia Xerri. Missieru jidher li kien tat-tajjeb għax felaħ iħallaslu l-kors ta' studju ġewwa Sqallija sewwasew fis-seminarju ta' Nicotera. Hemmhekk qaddes l-ewwel quddiesa fis-sena 1674. Lura Ħal Lija ġie appuntat prokuratur tal-knisja ta' Sant'Andrija u tas-Sodalità tal-Agunizzanti. Sfortunatament minħabba xi marda qawwija miet ta' 35 sena fis-16 ta' Ottubru tas-sena 1685 u ndifen fil-knisja l-ġdida.

**Dun Angelus Attard** (1607-1689)

It-tifel ta' Gregorius u Giulia Ciantar twieled Ħal Lija fit-23 ta' Jannar 1607 u kien mibgħut is-Seminarju ta' Oppidio ġewwa Reggio Calabria. Fis-sena 1632 qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu. Lura Ħal Lija hu serva lill-parruċċani sewwa u wara tnax-il sena kien appuntat prokuratur tal-knisja ta' Sant'Andrija, u fis-sena 1662 anke tal-parroċċa. Miet fis-sena 1689 ġo Ħal Lija u jinsab midfun fis-Salvatur il-Qadim.

**Dun Johanes Domenicus Attard STD JUD** (1614-1680)

Dan il-qassis twieled Ħal Lija fid-29 ta' Settembru 1614 u kien wild l-arkitett Giovanni u Duminka (m'hemmx kunjom ommu). Missieru stieden lil Dun Juan Beneguas, l-eremita famuż li kien jgħix fil-grotta ta' San Pawl, ir-Rabat, sabiex jgħammed it-tifel Johanes Domenicus. Missieru kien jiflaħ iħallas għax bagħtu jistudja Ruma fejn laħaq qassis fit-18 ta' Settembru 1638 u wkoll għadda l-eżami tad-dottorat kemm fit- Teoloġija kif ukoll fil-Liġi tal-Knisja. Lura Malta huwa rebaħ il-kuntest għall-kappillan ta' Ħal Lija. Ħadem ħafna sabiex itella' kampnar żgħir fil-knisja l-qadima tas-Salvatur. Wara sitt snin Ħal Lija rebaħ konkors għall-kappillan tal-Isla fejn fit-23 ta' Diċembru 1643 insibuh ikabbar il-knisja l-ġdida u jibni dar għalih maġenbha. Żgur li l-arkitett missieru baqa' jgħinu sew sabiex jirnexxi dal-bini kollu. Megħjun mill-Ġiżwiti waqqaf Kongregazzjoni tal-Onorati ġewwa l-knisja l-qadima ta' San Ġiljan l-Isla. Tant irnexxiet dil-Kongregazzjoni li fi żmien qasir stabilixxew ruħhom fil-knisja parrokkjali għax bnew Oratorju msejjaħ tal-Gandlora li għadu hemm sal-lum. Fl-Isla waqqaf żewġ konfraternitajiet, waħda tal-Kunċizzjoni fi-sena 1647 u l-oħra tat-Trinità fis-sena 1652. F'April tas-sena 1660 applika ħalli jilħaq Kanonku Teologu tal-Katidral tal-Imdina. Dan sar bi ftehim mal-Kanonku Franciscus Azzopardi li ried jirriżenja minħabba saħħtu. L-Isqof aċċetta din l-applikazzjoni. Billi kellu fama ta' predikatur tajjeb, ġie appuntat Kanonku u Professur tat-Teoloġija. Iżda fit-tagħlim ta' dan is-suġġett qam xi disgwid għax l-Isqof Balaguer de Camerasa ħareġ edit sabiex iwaqqfu milli jippriedka. Għadda ħafna xhur sħaħ f'din is-sitwazzjoni sa ma fit-18 ta' Ġunju 1661 talab maħfra lill-Isqof u ngħata lura l-poter li jerġa' jippriedka. Mal-mewt tal-isqof li ġrat fis-16 ta' Diċembru 1663, hu ġie appuntat Vigarju Kapitulari barra milli kien kap tal-kanonċi tal-Katidral tal-Imdina. Bħala Vigarju Kapitolari mexxa żewġ Visti Pastorali f'Malta u Għawdex, waħda fis-sena 1665 u oħra fis-sena 1666. Fis-sena 1664 ġewwa l-belt il-ġdida Valletta u waqqaf għaqda għall-qassisin magħrufa bħala *Sodalita dei Preti*. Fis-sena 1677 ġie appuntat Konsultur u Mħallef Sinodjali mill-Inkwiżitur. Miet ta' 66 sena l-Isla sewwasew fil-ħamsa ta' Awwissu 1680 kif kien jixraq ġie midfun il-Katidral l-antik tal-Imdina.

**Dun Johannes Dominicus Attard** (1646-1717)

Iben Pasquale u Margerita (m'għandhiex kunjom ommu) twieled ġewwa Ħal Lija fl-10 ta' Diċembru 1646. Intbagħat jistudja s-Seminarju f'Katanja fejn laħaq qassis fid-19 ta' Settembru 1671. Zijuh li kien jismu bħalu kien laħaq kappillan Ħal Lija u tal-Isla u spiċċa Monsinjur il-Katidral. Unur kbir għal zijuh kien l-appuntament għal Vigarju tal-Isqof.

Billi kellu 'riħ fil-qala' malajr laħaq prokuatur tal-finanzi tal-Katidral fis-sena 1680 u wara tmien snin *Maestro di Musica Sacra* tal-istess post.

Dak iż-żmien, il-Katidral sofra ħsara kbira fit-terremot u kellu jitwaqqa' u jinbena wieħed ġdid. Min jaf kemm tħabat Monsinjur Attard ħalli jmexxi l-finanzjament ta' dan il-Katidral ġdid. Miet fis-17 ta' Jannar 1714 u ġie midfun fil-Katidral li għin sabiex jinbena.

**Dun Josefus Maria Attard** (1640 - )

Dan twieled Ħal Lija fit-12 ta' Jannar 1640 u kien iben Kjeriku Simeone li żżewweġ lil Katarin (ma għandix kunjomha xebba). Laħaq qassis Sirakuża fis-sena 1664 sewwasew nhar San Lawrenz. Serva lill-parruċċani Lijani sas-sena 1667 iżda mbagħad ma hemmx rekordjat meta ġie nieqes.

**Dun Johannes Dominicus Barbara** (1632-1704)

Iben Giovanni Pietru u Marija (m'hemmx miktub kunjomha ta' xbubitha) twieled Ħal Lija fl-1 ta' Novembru 1632 u kellu bħala ħuh l-arkitett Giovanni li bena l-knisja tagħna.

Ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Marzu 1657 u fis-sena 1673 kien Prokuratur tal-knisja l- ġdida magħrufa bħala Tal-Mirakli ġo Via Mulino (illum Triq Annibale Preca). Kellu wkoll prokura ta' San Mikiel fl-Iklin u benefikat ta' Lanza.

Huwa waqqaf artal fil-knisja l-ġdida tas-Salvatur iddedikat lil Santa Rosalia li wara xi żmien ġie mibdul għal dak ta' San Alfons Maria de Liguori. Għal dan l-artal ġdid ġie mqabbad Lazzaro Pisani, iż-Żebbuġi, sabiex ippitter lill-qaddis San Alfons, iżda ngħata karigu li jħalli memorjal tal-artal ta' qabel u għalhekk daħħal fil-pittura kbira lil Santa Rosalia u żidilha xemgħa tixgħel quddiemha. Fis-sena 1693 ġie appuntat kurat ta' Ħ'Attard u wkoll prokuratur tal-kappella tal- Madonna tal-Mellieħa. Inqala' xi inkwiet mal-Inkwiżitur għax fil-qrar ried li l-penitent jikxef xi ismijiet ta' nies li kienu se jagħmlu xi ħsara, ħaġa li mhux suppost issir!

Miet fil-11 ta' Diċembru 1704 fl-isptar Sacra Infermerija ġewwa l-Belt Valletta.

Fit-testment ħalla li l-iskjav tiegħu Alvisio ta' ħdax-il sena kellu jinħeles u jingħata għalqa ħalli jgawdiha.

Dun Barbara jinsab midfun fil-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija, dik li bena ħuh stess ġewwa l-qabar tal-familja Barbara li jinsab ġol-kannirja taħt il-presbiterju.

**Dun Girgor Filippus Barbara** (1690-1767)

Iben Giuseppi u Theresa (li ma għandix kunjomha xebba) dan twieled fis-27 ta' Mejju 1690 ġewwa Bormla. Qaddes l-ewwel quddiesa fit-13 ta Marzu 1718 u rebaħ konkors għall-kappillan ta' Ħal Lija fit-23 ta' Diċembru 1728.

Waqt li kien kappillan, is-sagristan tal-knisja ż-żgħira u antika ta' Ħal Bordi (illum hemm mitħna tonda flokha) wassallu tagħrif li sab għaraq fuq wiċċ il-Madonna ta' tripikt li kien jinżamm ġo dil-knisja. Huwa għarraf lill-Isqof Balaguer u dan lil Granmastru Adolf de Wignacourt, li ħadha b'serjetà għax kien devot tal-Madonna.

Huwa għaraf dan l-għaraq bħala messaġġ, grazzja speċjali għax dan l-għaraq ma' wiċċ il-Madonna ma kienx għalxejn.Difatti sar terremot kbir li laqat l-aktar lil Sqallija u ftit ħafna lil Malta u Għawdex. Mela l-għaraq kien tassew sinjal mis-sema li l-Madonna kienet inkwetata minħabba mġiba ħażina tal-Insara!

Bħala sinjal ta' ringrazzjament lill-Madonna, il-Granmastru bena knisja ġdida ftit metri 'l fuq (dik li hemm illum) u flimkien mal-Isqof organizzaw ċeremonja sabiħa waqt trasferiment tat-Tripikt għall-knisja l-ġdida. Huwa kkontribwixxa sew ħalli tinbena din il-knisja u bagħat rigal ta' bukkett fjuri tal-fidda lill-knisja l-ġdida li għadu fis-sagristija sal-lum.

Flok il-knisja l-antika hu ta l-art sabiex tinbena mitħna tal-qamħ tonda. Bla dubju l-Kappillan Barbara laqa' dan l-avveniment mirakoluż b'ferħ kbir u bil-finanzi li rnexxielu jakkwista kompla jżejjen il-knisja l-ġdida b'orgni tal-infiħ, pulptu, salib tal-kleru, relikwa tas-Salvatur, damask u anke waħda mil-qniepen.

Meta xjaħ, għama għalkollox u għeluq id-79 sena sewwasew fis-17 ta' Settembru 1767, miet u ġie midfun fil-knisja li tant ħabb.

**Dun Johannes Vincenzius Bonavia** (1628-1671)

Fid-9 ta' April 1628 twieled dan it-tifel, iben Pietru u Dominika (ma għandix kunjom ta' xbubitha) u ġie mgħammed ġewwa Ħal Lija. Laħaq qassis fl-20 ta' Diċembru 1653 u serva l-parruċċani sa ma miet fid-19 ta' Diċembru 1671.

**Dun Philppus Borg** (1663-1742)

Iben Giovanni Mariaj u Duminka (m'għandhiex kunjomha ta' xebba) twieled fis-26 ta' Novembru 1663 u laħaq qassis Katanja fis-17 ta' Diċembru 1689.

Huwa talab lil Granmastru l-ġdid Perellos ħalli jappuntah Kappillan Konventwali tal-Ubbidjenza Maġisterjali fl-Ordni ta' San Ġwann. Fis-16 ta' Marzu 1697 ġie appuntat Kappillan bi dritt għall-pensjoni ta' mitejn skud sal-mewt.

Ta' 78 sena miet fit-28 ta' Marzu 1742 u jinsab midfun Ħal Lija fil-knisja l-ġdida tas- Salvatur.

**Dun Ġwan Indri Borg** (1749-1831)

Iben Mastru Filippu u martu Roża (kunjomha xebba m'għandhiex) twieled Ħal Lija fit-30 ta' Novembru 1749. Ġie ordnat qassis fis-sena 1773. Kien prokuratur tal-kwadru u festa ta' San Luigi Gonzaga kif ukoll tal-knisja tal-Madonna Tal-Mirakli fis-sena 1791. Barra minn din il-knisja kellu prokura tal-knisja ta' San Mikiel.

Ħu miet ta' 82 sena fil-25 ta' Ġunju 1831 u ndifen fil-knisja tal-parroċċa.

**Dun Joseph Calleja** (1669-1744 )

Iben Giovanni Domenico u Katernuzza (ma għandix kunjomha ta' xebba) twieled Ħal Lija fil-15 ta' Diċembru 1669. Studja għal xi żmien fil-kulleġġ tal-patrijiet Dumnikani tal-Belt il-Ġdida. Laħaq qassis fis-sena 1694 u kien jgħallem l-iskola.

Fis-sena 1694 kellu l-patrimonju tas-Sodalità tal-Agonija u wara ftit snin anke dik tal-parroċċa.

Hu kien prokuratur tal-artal ta' San Ġużepp fil-knisja li kienet qed tinbena. Ta' min jinnota li dan l-altar ta' San Ġużepp ma għadux hemm għax inbidel għal dak tal-Madonna tal-Karmnu. Iżda l-pittur Hyzler pitter lil dan il-qaddis taħt it-tron tal-Madonna jħares lejn min jitolbu, qisu jħossu barra minn postu. Is-saċerdot Calleja miet ir-Rabat u jinsab midfun Ħal Lija fil-knisja l-ġdida.

**Dun Pancratius Calleja** ( - 1647)

Mhux magħruf id-data u s-sena meta dan twieled u anqas min kienu ommu u missieru. Aktarx li fiż-żmien twelidu Ħal Lija kienet għadha parti mill-parroċċa ta' Birkirkara. Sar qassis fil-31 ta' Marzu 1607 u kurat ta' Ħal Lija fis-sena 1630. Miet fl-20 ta' Awwissu 1647 u jinsab midfun fis-Salvatur il-Qadim.

**Dun Ġwan Antonius Camillieri STD UID** (1655-1705)

Twieled il-Qrendi minn Salvatore u Imperia (kunjomha mhux magħruf) fl-10 ta' Jannar 1665. Il-ġenituri ħalsulu sabiex jistudja Ruma fejn qaddes fl-1 ta' April 1679. Huwa kiseb żewġ diplomi għolja wkoll. L-ewwel appuntament li ngħata kien dak ta' konfessur tas-Sorijiet Benedittini li għandhom kunvent mal-knisja ta' San Pietru ġewwa l-Imdina.

Ta' tletin sena laħaq kappillan Ħal Lija fil-25 ta' Lulju 1685 fejn hemm sab entużjażmu kbir sabiex jibda x-



xogħol ħalli tinbena knisja ġdida għax fis-sena 1693 l-Isqof Cocco Palmieri ħareġ il-permess sabiex tinbena knisja parrokjali ġdida.

Il-kappillan mexxa ġbir ta' fondi ħalli x-xogħol tal-bini jitwettaq fi ftit snin. Kellhom jgħinuh mhux biss il-Lijani iżda wkoll l-arkitett Barbara. Dan offra xogħlu b'xejn waqt li ħuh Dun Johannes Dominicus kkontribwixxa qatigħ għall-ispejjeż. Għal dal-kontribut l-aħwa Barbara talbu li fil-kannirja taħt il-presbiterju, ikun hemm qabar għalihom u għall-familja tagħhom.

Ta' min jinnota li fis-sena 1700 Ħal Lija kellha: Popolazzjoni ta' 950, kellha disa'qassisin, żewġ diakni, sitt kjeriċi mhux miżżewġa u wieħed kjeriku miżżewweġ.

Ta' ħamsin sena fl-14 ta' Diċembru 1705, il-Kappillan Camillieri ġie nieqes u kif hu xtaq indifen fil-qabar tal-familja ġewwa l-Qrendi.

**Xi nota fuq il-knisja ta Ħal Lija**

Bħala sit ta' dil-knisja missierijietna għażlu l-għalqa *Tal-Ħerba* kemm għax kienet fiċ-ċentru tal-iżvilupp tar-raħal u kemm għax kienet tinsab fuq għolja. Wara li l-arkitett Giovanni Barbara fassal pjanta u din ġiet approvata mill-awtoritajiet ta' Malta, kemm tal-Granmastru kif ukoll tal-knisja beda t-tindif tal-ħamrija u l-qtugħ tal-ġebel. Kollox mexa b'pass mgħaġġel ħafna għax seba' xhur wara, fl-20 ta' Mejju 1694, l-Isqof bierek u poġġa l-ewwel ġebla. Sewwasew tmien snin wara f'Lulju tal-1703, il-knisja nfetħet għall-ewwel funzjoni.

In-nefqa kienet telgħet għal elf disa' mija u tnejn u sebgħin skud waqt li l-kappillan kellu f'idejh seba' mija u tnejn u sittin skud biss, iżda b'xi mod jew ieħor kollox tħallas.

**Dun Jacobus Debono** (1619-1702)

Twieled u mgħammed Ħal Lija fid-9 ta' Frar 1619 u kien wild Gusmano u Giovanna (ma għandix kunjomha xebba). Laħaq qassis Sirakuża fit-30 ta Mejju 1643.

Lura Ħal Lija ġie mogħti prokura ta' Santa Marija ta' Bieb Ninu, knisja llum magħrufa Ta' Duna li qiegħda ġo Triq Sant'Andrija. Hu ħa ħsieb jamministra l-parroċċa meta l-kappillan kien marid sew. L-Isqof Astarita ordna li jinħareġ ħlas xieraq ħalli jpattilu għal dan ix-xogħol kollu.

Fis-sena 1667 kellu l-prokura tal-knisja ta' San Pietru ġewwa Triq il-Kbira u fis-sena 1676 laħaq prokuratur tal-parroċċa kif ukoll tas-Sodalità tal-Agonizzanti.

Sfortunatament għama fis-sena 1699 u naqqas ix-xogħol sa ma miet fid-9 ta' Marzu 1702.

**Dun Mattija Demarco** (1730-1771)

Iben Pawlu u martu Pawla (ma għandix kunjomha

xebba) twieled Bormla fl-20 ta' Mejju 1730. Qaddes l-ewwel darba fis-7 ta' Mejju 1754.

Fil-15 ta' Mejju 1763, l-Isqof laħqu kuġitur tal-kappillan Barbara ta' Ħal Lija, li kien batut ħafna minn saħħtu u ma felaħx imexxi kemm il-bini u kemm id-doveri tal-parroċċa.

Meta wara tliet snin dan il-kapillan ħabrieki miet, u s-saċerdot Demarco laħaq hu floku iżda fil-25 ta' Diċembru 1771, miet ukoll meta kellu biss 42 sena.

Hu kien midfun fil-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija kontra xewqtu, għax xtaq li jindifen f'belt twelidu. Wara sena, il-parruċċani Lijani ħassew li għandhom jaqtgħu xewqat dan il-kappillan li jindifen ġewwa beltu u għalhekk qalgħuh mill-qabar u ttrasportaw għadmu għall-qabar tal-familja ġewwa l-knisja parrokkjali ta' Bormla.

**Dun Salvatore Felice** (1702-1731)

Dan is-saċerdot kellu lin-Nutar Ġwanni Maria u Maria Maddalena (kunjomha xebba mhux magħruf) bħala ġenituri. Kellu ħuh Dun Ġużepp Feliċ li kien iżgħar minnu ħdax-il sena.

Laħaq qassis fil-21 ta' Diċembru 1702 u kien appuntat prokuratur tal-festa tad-Duttrina.

Miet qasir il-għomor ta' 29 sena fit-30 ta' Novembru 1731 u ndifen Ħal Lija.

**Dun Indri Galea** (1593-1649)

Mhux magħruf min kienu ommu u missieru iżda żgur li familtu kienet toqgħod Ħal Mann. Hu laħaq saċerdot fit-18 ta' Settembru 1593, 28 sena wara l-Assedju l-Kbir -min jaf kemm kien hemm taqlib u faqar ġo Malta dak iż-żmien għax hu magħruf li t-Torok ħallew gżiritna ħerba sħiħa meta telqu lura pajjiżhom wara telfa kbira. Il-parroċċa ta' Ħal Lija ma kinetx għadha bdiet teżisti fi żmien is-saċerdot Galea u b'hekk hu kien jagħmel parti mill-kleru Karkariż fejn kien hemm is-saċerdot Filippu Borg jew Borgia, il-fundatur tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

Dun Borg ħatar lil Dun Indri bħala Viċi tiegħu meta hu kien ikun imsiefer, għax tant kien jistmah u jirrispettah. Infatti meta ġab l-approvazzjoni tal-Papa Urbanu VIII sabiex titwaqqaf Kolleġġjata ġewwa Birkirkara, ħatru wieħed mill-ewwel kanonċi.

Dak iż-żmien kienet qed tinbena l-knisja ta' Santa Marija ġewwa Birkirkara u l-ewwel Kolleġġjata twaqqfet hemm.

Dun Indri ma nesiex ir-raħal ta' Ħal Mann għalkemm kien iservi Birkirkara, għax fis-sena 1612 bena mill-ġdid il-knisja ż-żgħira ta' San Bartilmew. Din il-knisja ma hemmx tagħrif x'sar minnha.

Il-Kanonku Indri Galea miet fil-25 ta' Lulju 1649 ta' sitta u ħamsin sena u ndifen f'Birkirkara.

**Dun Orazio Gafa STD** (1727-1801)

Iben Marozz u martu Marjanna (mhux magħruf kunjom ommu) twieled fit-28 ta' Novembru 1727 u ġie kkonsagrat qassis fit-tmintax ta' Novembru 1737.

Laħaq Viċi Kurat ta' Ħal Lija biex jgħin lill-Kappillan Demarco meta dan marad u kif kien mistenni mal-mewt tal-Kappillan Demarco applika u rebaħ il-konkors sabiex jinħatar kappillan ta' Ħal Lija.

Kien appuntat jgħallem it-Teoloġija fis-Seminarju l-ġdid li kien għadu qed jinbena l-Imdina.

Applika għall-konkors u ġie magħżul Kappillan taż-Żurrieq fil-25 ta' Lulju 1792.

Miet meta kellu 74 sena u ndifen il-knisja taż-Żurrieq.

**Dun Thereamus Galea** (1600-1673)

Iben Nicola u Giovanna (ma għandix kunjomha xebba) hu twieled Ħal Mann fis-sena 1600 meta l-parroċċa ta' Ħal Lija assorbiet dan id-distrett magħha ftit wara li nqatgħet mill-matriċi Birkirkara.

Hu kien ikkonsagrat saċerdot fit-18 ta' Settembru 1627 u fis-sena 1652 ħallas minn flusu ħames mitt skud għall-qanpiena ta' ħames mitt ratal li nħadmet Messina.

Kellu f'idejh il-prokura ta' San Mikiel tal-Iklin. Jidher li dak iż-żmien ġo Ħal Mann kien hemm knisja ta' San Bartilmew għax hemm miktub li kien prokuratur tagħha wkoll. Fl-20 ta' Lulju 1673 ħalla din id-dinja u ġie midfun is-Salvatur il-Qadim.

**Dun Ġużepp Bernard Gilestri** (1714-1799)

Iben Bartilmew u martu Imperjuzza (mhux magħruf kunjomha xebba) hu twieled fit-2 t'Awwissu 1714. Sar qassis fid-19 ta' Diċembru 1739. Kellu f'idejh il-prokura tal-knisja ta' Ħal Lija li kienet għadha qed tinbena. Miet ta' 74 sena fil-15 ta' Novembru 1787.

**Dun Franġisk Grech STD** (1737-1796)

Iben Ġużeppi u martu Tomasina (ma għandix kunjomha xebba) twieled iż-Żejtun fl-1 ta' April 1737. Qaddes l-ewwel quddiesa fis-sittax ta' Mejju 1761. Hu llawrja fit-Teoloġija mingħand id-Dumnikani tal-Belt Valletta.

Fit-30 ta' Ġunju 1772 rebaħ il-konkors għall-kappillan ta' Ħal Lija u għen lill-Isqof Vincenzo Labini meta dan ġie Ħal Lija ħalli jikkonsagra l-knisja l-ġdida.

Fis-sena 1793 laħaq Kanonku tal-Katidral u wara tliet snin fil-ħdax ta' Lulju 1796 miet. Hu ndifen il-Katidral tal-Imdina.

**Dun Mario Grech** ( -1638)

Dan twieled Ħal Qormi u data tat-twelid kif ukoll il-ġenituri tiegħu mhumiex magħrufin iżda żgur qaddes fis-17 ta' Marzu 1584. Naħseb li żmien l-Assedju tas-sena 1565 kien wieħed mit-tfal li ttieħed jistkenn wara s-swar tal-Birgu, fejn sabu rdoss il-Qriema kollha.

Fis-7 ta' Frar 1594 sar l-ewwel kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Lija li kienet għadha kif twaqqfet wara li nfirdet mill-matriċi ta' Birkirkara.

Jidher li ħdejn is-Salvatur il-Qadim kien hemm knejjes iddedikati lill-qaddisin tal-pesta Santu Rokku u San Bastjan. Dan il-kappillan qala' permess sabiex dawn iż-żewġ knejjes jiġu inkorporati flimkien.

Din il-knisja ġdida ġiet imżejna b'koppla żgħira, li għal dak iż-żmien kienet innovazzjoni kbira.

Dan il-kappillan miet ta' 38 sena fil-31 ta' Mejju 1638.

**Dun Michael Grima** (1670-1712)

Tifel ta' Pietro u Domenica (ma għandix kunjom ommu xebba) ġie mgħammed Ħal Lija fit-2 ta' April 1670. Huwa ġie mharreġ fis-saċerdozju minn Dun Sylvius Pace li kien kurat Ħ'Attard u fis-sena 1694 ġie kkonsagrat saċerdot u kien jgħallem il-grammatika fid-distrett.

Ta' erbgħin sena marad u miet fil-15 ta' Frar 1712.

**Dun Ġwanni Magri** (1734-1828)

Iben Tumas u martu Sapienza (kunjom xbubitha mhux magħruf) twieled fid-19 ta' Awwissu 1734.

Qaddes l-ewwel quddiesa fil-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija fit-23 ta' Novembru 1759.

Ftit wara telaq minn Ħal Lija għax ġie aċċettat mill-Kavallieri ta' Malta bħala Kappillan Konventwali.

Meta dawn ġew imkeċċija minn Malta minn Napuljun Bonaparte hu baqa' Malta, residenti Ħal Lija fejn miet ta' 94 sena fit-18 ta' Settembru 1828.

**Dun Pankrazio Micallef** ( - 1578)

Mhux magħruf meta twieled jew min kienu missieru u ommu. Kien minn Ħal Bordi u għalhekk tgħammed Birkirkara għax dak iż-żmien Ħal Lija kienet għadha mhijiex parroċċa.

Żgur li ġie kkonsagrat qassis Palermo fis-sena 1526.

Meta ġie lura mar jgħix l-Imdina fejn fis-sena 1539 laħaq Kanonku tal-Katidral. Kien ukoll parrokku ta' Bir Miftuħ. Nhar il-15 ta' Novembru 1566 irriżenja mill-Kanonikat għax ġie appuntat Arċidjaknu u wara fis-sena 1567 Vigarju Ġenerali.

Waqt din il-kariga assista t-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Belt Valletta.

Meta wasal Isqof ġdid hu rtira għal parrokat ta' Bir Miftuħ. Kellu xi problema mal-Inkwiżizzjoni għax fis-sena 1574 kien imsejjaħ jidher quddiem l-Inkwiżitur għax kien irrappurtat li qal kliem mhux xieraq. Ma hemm imkien miktub li qala' xi kundanna għax ma nstabx ħati. Miet fit-2 ta' Awwissu 1578.

**Dun Domenicus Mifsud** (1650-1706)

Bin Ġużeppi u Paolina (ma għandix kunjomha xebba) fit-12 ta' Diċembru 1650 ġie mgħammed Ħal Lija.

Sar qassis Katanja fejn kien jistudja, fit-2 ta' Marzu 1675. Huwa rsista ħafna ħalli x-xogħol fil-knisja li kienet qed tinbena f'Ħal Lija tirnexxi f'qasir żmien. Kellu prokura tal-knisja ta' San Pietru kif ukoll dik tas-Sodalità tal-Agunizzanti.

Miet fis-6 ta' April 1705 bla ma laħaq jara t-tmiem tal-knisja l-ġdida.

**Dun Clemens Moreo STD** (1606-1659)

Iben Agostino u Stella (ma għandix kunjomha xebba) kien mgħammed l-Isla fil-21 ta' Novembru 1606. Ġie kkonsagrat qassis fil-15 ta' Marzu 1631 meta kellu biss ħamsa u għoxrin sena. Fis-sena 1637 kien l-organista tal-parroċċa tal-Birgu.

Applika għall-konkors u ġie magħżul Kappillan ta' Ħal Lija fis-6 ta' April 1646. Ta' min jinnota li kellu jkun il-Kardinal Vecchetti minn Ruma li rrikmandah għal dan il-post.

Meta wasal Ħal-Lija sab pjan li tinbena knisja ġdida. Ħaġa għaqlija kienet id-deċiżjoni tiegħu li s-Salvatur il-Qadim ma jitwaqqax u anqas ma jiġi abbandunat kif ġara ġo villaġġi oħra.

Għalkemm kien jaf li se tinbena knisja ġdida, huwa ried li jwaqqaf artal lil San Ġużepp fis-Salvatur il-Qadim minflok dak ta' Santu Rokku. Hekk ħadem sabiex iġib il-permess mingħand l-Isqof, u kif wasal, dan qabbad pittur ħalli jpinġi inkwatru xieraq. Dan il-pittur mhux magħruf ismu, iżda pinġa lil San Ġużepp, lil Bambin Ġesù u lill-Ispirtu s-Santu kollha flimkien. Min jaf fejn jinsab dan il-kwadru llum?

Flimkien ma' Dun Teramo Galea ordna qanpiena mingħand Antonio Guerrara ta' Messina. F'dil-qanpiena hemm imnaqqax li kellu Dottorat fis-Sagra Teoloġija-STD.

Qabbad lill-bennej Ġużeppi Pietru Barbara ħalli jissoda l-koppla tas-Salvatur il-Qadim li xxaqqet u kien hemm biża' li taqa'. Dan il-bennej, missier l-arkitett Giovanni, issuġġerixxa li ċ-ċinturin tal-bronż kellu jiddawwar mal-koppla sabiex ma tkomplix tinfetaħ u taqa'. Dan is-suġġeriment sar realtà u permezz ta' hekk

għad nistgħu ngawdu l-koppla li hemm illum.

Huwa ħadem qatigħ mal-arkitett Lijan Giovanni Barbara ħalli tinbena l-knisja l-ġdida tas-Salvatur.

Meta ħass li wasal tmiem ħajtu, irtira minn kappillan ta' Ħal Lija u mar joqgħod għand niesu l-Birgu fejn miet fl-14 ta' Frar 1659 u ndifen hemm.

**Dun Marcus Muscat** (1646-1725).

Iben Girolamo u Katarina (ma għandix kunjomha xebba) dan twieled Ħal Bordi u ġie mgħammed fl-1 ta' Mejju 1645. Laħaq qassis f'Katanja fl-1669.

Kien appuntat prokuratur tal-knisja ta' Sant'Andrija.

Wara servizz twil lill-parroċċa huwa miet ta' 82 sena fis-Sagra Infermerija u ġie midfun is-Salvatur il-Qadim.

**Dun Salvatore Muscat JUD** (1667-1757)

Iben Giovanni u Ġuljana (ma għandix kunjom xbubitha) dan ġie mgħammed fit-3 ta' Marzu 1667. Beda t-tagħlim reliġjuż il-Belt għand il-Ġiżwiti u wara mar għal iktar studju Ruma fejn ħa Dottorat fil-liġi Kanonika.

Qaddes fil-21 ta' April 1696 u serva l-parroċċa sa ma miet ta' 90 sena. Jinsab midfun is-Salvatur il-Qadim.

**Dun Thomas Pace** (1650-1733)

Iben Giovanni Maria u Lorenza Vella. Hu twieled Ħal Lija fil-21 ta' Diċembru 1650. Laħaq qassis Licata ġo Sqallija fit-22 ta' Mejju 1675.

Fis-sena 1673 kellu f'idejh il-prokura tal-knisja ta' San Mikiel, kif ukoll is-Sodalità tal- Agunizzanti. Ma' dawn, fis-sena 1709, żied il-prokura tal-knisja tal-Belliegħa li qiegħda fi Triq Mabel Strickland f'Ħal Lija.

Miet ta' 83 sena u ġie midfun fil-knisja l-ġdida ta' Ħal Lija.

**Dun Ġużepp Pisani STD JUD** ( - 1728)

Mhux magħruf meta twieled dan is-saċerdot li kien minn Ħ'Attard u min kienu l-ġenituri tiegħu. Hu rebaħ gradi għolja fit-Teoloġija u fil-Liġi minn Università Rumana fejn mar jistudja. Studja ġewwa s-Seminarju Ruman fejn sar qassis fil-25 ta' Mejju 1683.

Fil-15 ta' Jannar 1706 rebaħ il-konkors għall-Kappillan ta' Ħal Lija. Sab ma wiċċu spejjeż kbar għax kien żmien li l-parroċċa kienet qed tibni l-knisja l-ġdida.

Madankollu rnexxielu jagħmel ix-xogħol tas-sedji tal-injam ġewwa l-kor, il-pissidi u l-isfera l-kbira kollha tal-fidda. Huwa waqqaf il-fratellanza taċ-Ċintura bl-istandard tagħha.

Ta' 70 sena miet f'Ħal Lija fil-25 ta' Ottubru 1728 iżda l-parruċċani Lijani qatgħulu xewqtu għax ittrasportawh għad-difna f'Ħ'Attard.

**Dun Dominicus Vella** (1621-1681)

Dan twieled Ħal Balzan iben Giovanni Maria u Maria (ma għandix kunjom ta' xbubitha) iżda billi dak iż-żmien Ħal Balzan kien għadu jifforma parti minn Birkirkara ġie mgħammed hemm fis-16 ta' Frar 1621.

Qaddes fis-16 ta' Marzu 1647 u kellu benfikat tal-għalqa ta' Sqaq l-Għoġla fejn illum hemm Triq Max Ganado.

Kien prokuratur tal-knisja ta' Santa Marija, Ħal Balzan. Bħala qassis serva fil-parroċċa ta' Ħal Lija sa ma miet fil-21 ta' Marzu 1681. Ġie midfun is-Salvatur il-Qadim.

**Dun Giovanni Battista Vella** (1585-1658)

Meta twieled dan, iben Andrea u Venera (ma għandix kunjom xbubitha) il-parroċċa ta' Ħal Lija kienet għadha ma twaqfitx u għalhekk huwa tgħammed Birkirkara fl-14 ta' Lulju 1585, sewwasew għoxrin sena wara l-Assedju l-Kbir.

Sar qassis fl-20 ta' Mejju 1617 u serva l-parroċċa Lijana, li bħala knisja kienet għadha tuża s-Salvatur il-Qadim.

Miet ta' 73 sena fit-28 ta' Marzu 1658.

**Dun Dominicus Zerafa** (1659-1691)

Iben Gregorju u Grazia Barbara twieled fid-19 ta' Ottubru 1659 ġewwa Ħal Lija. Ommu kienet bint l-arkitett tal-knisja ta' Ħal Lija u żijuh kien il-qassis Barbara.

Laħaq qassis ġo Nicotera fi Sqallija fid-19 ta' Diċembru 1683. Tliet snin wara li appuntawh prokuratur tal-knisja, l-istess knisja li kienet qed tinbena. Iżda miet ta' 32 sena fil-5 ta' Frar 1691.

**Dun Ġovanni Maria Zerafa** (1667-1700)

Wild Domenico u Maruzza (ma għandix kunjomha xebba) ġie mgħammed Ħal Lija fit-23 ta' Awwissu 1667. Laħaq qassis fit-22 ta' Diċembru 1696. Hu kien prokuratur tal-knisja l-ġdida iżda miet qasir il-għomor fl-1 ta' Diċembru 1700 wara li għalaq 33 sena.

*Dan it-tagħrif hu meħud mill-kotba ppubblikati fl-1982 u fl-2015 minn Mons. Vincent Borg*
*1) Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija*
*2) The Maltese Diocese during the Seventeenth Century - Melita Sacra III*